# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 17 ta' Lulju, 2002**

**Appell Nru 152/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emmanuel Testa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emmanuel Testa talli (**1**) fl-14 ta' Gunju, 2002, bejn is-6.00 u s-6.30 pm, gewwa Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, waqt li kien fuq vettura numru FBY692 u cioe` waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu bhala "ticketing inspector", ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur ta' K.S.B.[1] minn Santa Venera, tfajla ta' erbatax-il sena, u dan ai termini tal-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali; (**2**) talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali; u aktar (**3**) talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi ikkommetta reat bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li kellu jissorvelja li ma jsirx minhabba l-kariga jew kellu d-dmir li jimpedih u dan ai termini "tal-Art. 92 u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta"; il-prosekuzzjoni talbet lill-ewwel qorti sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka kull licenzja jew permess mahrug mill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku lill-imputat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Gunju, 2002, li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni tal-imputat u wara li qieset diversi affarijiet li jissemmew fl-istess sentenza, ikkundannat lill-imsemmi Emmanuel Testa disa' (9) xhur prigunerija; dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzji mahruga mill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku, izda ordnat li kopja ta' dik is-sentenza tigi trasmessa lill-istess Awtorita`; fl-ahhar nett ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-vittma u ghalhekk awtorizzat il-hrug ta' kull kopja tas-sentenza bl-isem tal-vittma ommess;

---

[1] L-isem tal-vittma mhux qed jigi riprodott f'din is-sentenza fuq ordni tal-Qorti ta' l-Appell Krminali.

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza maghmula minn Emmanuel Testa u debitament akkordata mill-ewwel qorti fl-istess gurnata, u cioe` fit-18 ta' Gunju, 2002;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Emmanuel Testa, minnu ppresentat fl-24 ta' Gunju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' l-appellant tas-16 ta' Lulju, 2002; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2002; ikkunsidrat:

1. Qabel xejn, din il-Qorti sejra taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura generali, u dan peress li dan huwa kaz li nbeda wara l-1 ta' Mejju ta' din is-sena, u ghalhekk japplikaw ghalih certi disposizzjonijiet godda tar-rit penali, disposizzjonijiet li forsi ghadhom ma ndrawx ghal kollox. Jibda biex jinghad li l-appellant quddiem l-ewwel qorti gie imputat b'fatti li jipotizzaw zewg reati li huma delitti – ir-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur (Art. 207 tal-Kodici Kriminali) u dak ta' offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku (Art. 209) – kif ukoll gie imputat bl-aggravanti ta' ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku fit-termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali (l-Artikolu 92, citat mill-prosekuzzjoni fl-att tal-presentata, ma hu ta' ebda relevanza ghal din il-kawza – dana l-artikolu semplicement jaghti tifsira, li hija wahda mhux ezawrienti, tal-frazi generali "ufficjal pubbliku" ghall-finijiet tal-Kodici Kriminali, mentri l-Artikolu 141 imsemmi jitkellem kemm dwar ufficjal pubbliku kif ukoll dwar impjegat pubbliku). L-aktar gravi minn dawn iz-zewg reati huwa dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur li, apparti miz-zieda li talvolta jista' jkun hemm minhabba l-Artikolu 202, kif ukoll apparti z-zieda minhabba l-applikabbilita` tal-Artikolu 141, igorr piena ta' prigunerija minn minimu ta' tlett xhur sa massimu ta' sena. Peress li, ghalhekk, il-piena ghal dana r-reat hija ta' aktar minn sitt xhur prigunerija (Art. 370(1)(b), Kap. 9), l-ewwel qorti ghaddiet biex tipprocedi bhala Qorti Istruttorja skond ir-rit traccjat fl-Artikolu 370(4) tal-imsemmi Kodici. F'dan il-kaz l-Avukat Generali ma tax il-kunsens tieghu bil-miktub ghall-procedura sommarja *ab initio*. Gara, pero`, li ghall-mistoqsija jekk l-imputat iridx iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u x'irid iwiegeb, Emmanuel Testa wiegeb li huwa hati. Permezz ta' din l-ammissjoni f'dana l-istadju (u peress li l-piena ghar-reat ma teccedix l-ghaxar snin prigunerija) l-ewwel qorti saret kompetenti li taghti s-sentenza (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) bis-sahha tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 370 u minghajr il-htiega li ssir il-kumpilazzjoni. Dana s-subartikolu (6) gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002.

2. Ma huwiex ghal kollox car jekk l-ewwel qorti ottemperatx ruhha ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (1) tal-Artikolu (gdid) 392A (li ukoll gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002). Skond din id-disposizzjoni l-ewwel qorti kellha tapplika l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe`, wara li l-imputat wiegeb li hu hati, l-ewwel qorti kellha twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtih ftit ta' zmien biex, jekk irid, jerga' lura minnha; u biss wara li tistaqsieh it-tieni darba kellha l-ammissjoni tigi registrata. Dana kollu, naturalment, kellu jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2002, cioe` l-verbal ta' l-udjenza li fiha sar l-interrogatorju skond l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali. Fl-imsemmi verbal ma jirrisulta xejn minn dan, ghalkemm fis-sentenza appellata jinghad li saret kemm l-ewwel mistoqsija kif ukoll it-tieni mistoqsija, li l-imputat inghata zmien ghat-tieni risposta, u li l-Qorti spjegatlu l-akkuza. Din il-Qorti taghmilha cara li l-appellant mhux jilmenta, fir-rikors ta' appell tieghu, minn xi nuqqas dwar il-procedura kif prevista fl-Artikolu 453(1). Dan il-punt qed jigi senjalat biss sabiex ghall-futur wiehed joqghod attent li tigi segwita skrupolosament il-procedura korretta fil-kaz ta' ammissjoni kif prevista fl-Artkolu 392A(1), u li jkun hemm indikazzjoni fl-atti, u preferibbilment fil-verbal ta' l-udjenza li fija jkun sar l-interrogatorju, li dik il-procedura giet fil-fatt segwita, u dan sabiex ma jinqalghux kumplikazzjonijiet inutili fi stadju ta' appell.

3. Ghandu jigi osservat ukoll li meta jkun hemm ammissjoni kif prevista fl-Artikolu 392A(1), u wara li jsir dak li ghandu jsir skond l-Artikolu 453(1), il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tista' tghaddi biex taghti s-sentenza. S'intendi dik il-qorti ghandha l-obbligu li tisma' kemm lill-prosekuzzjoni kif ukoll lid-difiza dwar il-piena; u xejn ma jzomm lil dik il-qorti milli tordna, jekk jidrilha li jkun utili li taghmel hekk sabiex ikollha stampa ahjar tal-fatti, li jinstemghu ix-xhieda jew xi xhieda. Ghalkemm l-iskop tal-legislatur meta introduca s-subartikolu (6) tal-Artikolu 370 u l-Artikolu 392A(1)(2) kien li tigi evitata l-kumpilazzjoni, bid-dewmien li din necessarjament iggib, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu geluzi li ma jissagrifikawx il-gustizzja oggettiva fil-ghoti tal-piena fuq l-altar tal-konvenjenza jew tal-pseudo-efficjenza bbazata fuq cifri u statistika. Fil-kaz in dizamina, fil-fatt, l-ewwel qorti korretement semghet bil-gurament u f'zewg seduti separati (16 ta' Gunju, 2002 u 18 ta' Gunju, 2002) lill-Ispettur Mario Tonna, li ezibixxa, fost affarijiet ohra, l-istqarrija ta' Emmanuel Testa li minnha jirrizultaw il-fatti li jammontaw ghar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet. Jinghad ukoll li l-appellant, bhala imputat quddiem l-ewwel qorti, kellu l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu a rigward tal-piena, izda baqa' ma uzufruwiex minn tali opportunita`.

4. La fil-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2002 u anqas f'dak tat-18 ta' Gunju, 2002 ma jissemma' xejn dwar il-vittma. In vista tad-drittijiet godda moghtija lill-vittmi ta' reati bis-subartikoli (4) u (5) tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali, u sabiex jigu evitati malintizi u kumplikazzjonijiet legali inutili, ikun ferm desiderabbli li fl-ewwel udjenza ta' kull kawza (ghall-anqas meta si tratta ta' kumpilazzjoni) l-ufficjal prosekutur jiddikjara jekk lill-Pulizija Ezekuttiva saritilix il-komunikazzjoni mill-parti offiza (jekk hemm) kif provvdut fl-imsemmi subartikolu (4). Ikun ukoll ferm desiderabbli f'kull kaz (u ghalhekk mhux biss fil-kaz ta' kumpilazzjoni) meta jkun hemm parti offiza li tkun giet notifikata bl-avviz ta' l-ewwel smigh jew li tkun giet imdahhla fil-proceduri kif provvdut fis-subartikoli (4) u (5) imsemmija, <u>li ssir nota (mid-Deputat Registratur tal-Qorti Inferjuri) fuq il-kopertina tal-process ta' dan il-fatt, bl-indikazzjoni tal-indirizz tal-parti offiza</u>; b'hekk jigi evitat li d-Deputat Registratur ta' din il-Qorti – cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali – ikollu jaqra l-process kollu (li, specjalment f'kaz ta' kumpilazzjoni, jista' jkun ferm voluminuz) biex jipprova jara min seta' gie notifikat bl-avviz ta' l-ewwel smigh jew min seta' ddahhal bhala parti offiza ghall-finijiet tan-notifika li hi mehtiega li ssir skond l-Artikolu 421(1) tal-Kodici Kriminali.

5. Il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkonsidra l-meritu ta' l-appell. Qabel xejn tajjeb li wiehed jippreciza x'kien il-fatt, jew x'kienu l-fatti, li taw lok ghar-reati. L-appellant, li huwa "bus inspector" ma' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta[2], kien fuq xogholu fuq vettura tal-linja fuq ir-rotta numru 62, meta mar biex jivverifika l-biljett ta' K.S.B. Fi kliem l-istess appellant:

> **Jien iccekjajtilha t-*ticket* bhas-soltu, u poggejt bilqieghda hdejha. Nghid is-sewwa jien intrassejt fuq is-*seat* ftit lejha u wara ftit kellimtha, staqsejtha minn fejn hija u qaltli li mill-Hamrun, u jien ghidtilha li mill-Marsa. Hrigt idi biex nohdilha b'idejha u ghidtilha *pleased to meet you* u ghafastilha idejha. Kif il-pala ta' idejha telqet minn idi, idi [giet] fuq sidirha l-leminija u qbadtilha dik il-parti, pero` hija mill-ewwel nehhitli idejja u jien inzilt fl-i*stage* ta' fejn *Snoopy's*, u wara l-hin ikkuntatjawni mill-vagun u qaluli biex nigi l-ghassa fejn kellimtuni fuq dan il-kaz.**

Mistoqsi kemm-il darba ghamel dawn l-affarijiet, l-appellant wiegeb hekk:

[2] Gja Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku – ara Kap. 332.

> **Xi darbtejn ohra, pero` nehdilhom b'idejhom u daqshekk. Qatt ma wasalt sa hawn hlief din id-darba, u jiddispjacini immens.**

6. L-appellant ghandu diversi aggravji. Il-parti l-kbira taghhom huma dwar il-piena, pero` hemm aggravju minnhom li jirrigwarda wkoll is-sejbien ta' htija fuq it-tielet imputazzjoni, ossia dwar l-aggravju kif kontemplat fl-Artikolu 141. Huwa jikkontendi, bazikament, li ghalkemm huwa ufficjal pubbliku, ma hux u ma kienx jinkombi fuqu l-obbligu li jara ossia jissorvelja li r-reati kontemplati fl-Artikoli 207 u 209 ma jsirux, jew li b'xi mod jipprevjeni milli jsiru[3]. Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri***, fuq ammissjoni ta' l-imputat qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, ammenokke` ma jirrisultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah cioe` ssibu hati ta' reat[4]. Issa, f'dan il-kaz il-fatti principali li kienu qed jigu imputati lil Emmanuel Testa, u li hu ammetta, kienu li xogholu kien ta' "ticketing inspector", li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur kif ukoll li offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li huwa ghamel f'lok pubbliku, u li dan l-attentat vjolenti u dan l-ghemil twettqu filwaqt li huwa kien qed iwettaq id-dmirijiet tieghu ta' "ticketing inspector". Minn dawn il-fatti ma jikkonfigurax l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha[5]) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati). Din il-Qorti ezaminat kemm l-Att dwar Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332) kif ukoll l-Avvizi Legali 101/1992 u 58/1997 (li jittrattaw specifikatament dwar id-doveri u s-setghat ta' *Enforcement Officers* u *Transport Assistants*), izda ma sabet ebda disposizzjoni li tista' tigi interpretata bhala li timponi (direttament jew indirettament) fuq persuni fil-kariga li kellu l-appellant l-obbligu li jissorveljaw li ma jsirux, anke jekk fuq mezzi tat-trasport pubbliku, ir-reati kontemplati fl-Artikoli 207 u 209 tal-Kodici Kriminali, jew l-obbligu li jimpedixxu tali reati. U effettivament fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tal-15 ta'

---

[3] Art. 141: "Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad". Fir-rigward ta' din id-disposizzjoni ara, fost ohrajn, ***Il-Maesta` Tieghu r-Re v. Alfred Camilleri***, Qorti Kriminali, 15 ta' Dicembru, 1942, riportata f'Recent Criminal Cases Annotated (1943) tal-kompjant Imhallef William Harding, para. 35, pagna 70.

[4] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. George Cassar Desain***, Qorti Kriminali, 27 ta' Ottubru, 1962.

[5] Bhalma huwa l-kaz ta' ufficjali tal-pulizija in vista ta' dak li jipprovdu, fost ohrajn, l-Artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164).

Lulju, 2002 l-abbili Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said qabel li f'dan il-kaz l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ma kienx japplika. Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant, cioe` fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, qed jigi akkolt.

7. Dwar il-piena l-appellant jilmenta li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni disposizzjonijiet ta' ligi li ma kienux applikabbli ghall-kaz tieghu. Effettivament fis-sentenza appellata hemm referenza kemm ghall-Artikolu 201 tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghall-Artikolu 202. L-Artikolu 201 jirreferi ghar-reat ta' stupru, reat li, anke fil-forma ta' tentattiv, huwa totalment differenti minn dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur. Ir-referenza ghall-Artikolu 202 presumibbilment saret mill-ewwel qorti minhabba l-aggravju kontemplat fil-paragrafu (a) ta dak l-artikolu, u cioe` meta r-reat (f'dan il-kaz ta' attentat vjolenti ghall-pudur) isir billi l-hati jinqeda "bil-kwalita` tieghu ta' ufficjal pubbliku". Dana l-aggravju, pero`, ma giex prospettat fl-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – huwa evidenti li l-fatt li persuna tikkommetti reat "waqt il-qadi tad-dmirijiet taghha" ma jammontax necessarjament ghall-fatt li dak ir-reat ikun sar billi dik il-persuna tkun inqdiet bil-kwalita` taghha (f'dan il-kaz ta' ufficjal pubbliku). Ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx tapplika l-aggravju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 202(a) tal-Kodici Kriminali.

8. L-appellant jilmenta li l-ewwel qorti ma tatx konsiderazzjoni bizzejjed ghall-fatt li hu ammetta mill-ewwel, kemm mal-pulizija kif ukoll quddiem il-Qorti Inferjuri. Din il-Qorti tosserva qabel xejn li kif gie ritenut (minn din il-Qorti kolleggjalment komposta) fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario camilleri*** (5 ta' Lulju, 2002) l-ammissjoni bikrija mhux bilfos jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew infissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi***, u dan b'referenza ghall-prassi fil-Qrati Inglizi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza ghal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduci il-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed taghmilhom taghha[6]:

> **Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In**

[6] S'intendi, dan kollu li ser jinghad huwa bla pregudizzju ghal dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jipprovdu ghal tnaqqis fil-piena meta javveraw ruhhom certi cirkostanzi espressament imsemmija fl-istess disposizzjonijiet: ez. l-Artikoli 89, 200(1) u 337 tal-Kodici Kriminali, jew l-Artikolu 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101).

***Buffery* (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* (1988) 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 415. The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In *Byrne* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested.**

9. Fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li l-appellant ammetta mal-ewwel mal-pulizija, kif ukoll fil-qorti, u fic-cirkostanzi partikolari tal-

kaz huwa ghandu jibbenefika mid-"discount" kollu li tista' taghtih din il-Qorti. Kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal-appellant, l-Avukat Dott. Stefano Filletti, jekk wiehed iqis id-diversi atti li jistghu jammontaw ghal attentat vjolenti ghall-pudur – minn atti li javvicinaw it-tentattiv ta' stupru jew jirrazentaw il-korruzzjoni ta' minorenni, ghal semplici tokkamenti ta' malajr li ma jkunux preceduti jew segwiti b'xi attitudini ta' seduzzjoni[7] -- dak li ghamel l-appellant, deplorevoli kemm hu deplorevoli, qieghed fuq in-naha t'isfel ta' l-iskala ghal dik li hi gravita`. Il-fedina penali ta' l-appellant hija wahda bazikament nadifa (ghandu biss infrazzjonijiet konnessi mat-trasport pubbliku – li ma zammx ix-xarabank nadifa, li tefa' ilma mahmug fit-triq, li ghabba passiggieri aktar milli suppost, u li zamm noll aktar milli suppost). Mill-banda l-ohra hemm il-fatt li l-vittma kienet minorenni u li l-passiggieri fuq il-karozzi tal-linja, sia jekk nisa u sia jekk irgiel, minorenni u maggorenni, <u>ghandhom dritt li ma jkunux molestati sesswalment</u> specjalment minn persuni konnessi ma l-istess trasport pubbliku jew, bhall-appellant, impjegati sabiex jassiguraw l-efficjenza ta' dan is-servizz ta' trasport. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant meta dana jikkontendi li l-kaz tieghu kien jimmerita li huwa jitqieghed taht *probation*. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel qorti li ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva, u dana sabiex dina l-piena sservi ta' deterrent generali.

10. Ghalhekk il-piena ta' prigunerija ser tigi ridotta ghal tlett xhur u sitt ijiem, u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali. U peress li l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali ghadu kif kien qabel l-1 ta' Mejju, 2002 – peress li ghadha ma gietx fis-sehh l-emenda kontemplata fl-Artikolu 8 tal-Att III tal-2002 – il-Qorti ser tordna wkoll li mill-piena ta' prigunerija jitnaqqas il-periodu kollu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

11. Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza bil-mod segwenti: (**1**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Emmanuel Testa hati skond it-tielet imputazzjoni (cioe` fir-rigward ta' l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali), u tilliberah minn din l-imputazzjoni; (**2**) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant disa' xhur prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur u sitt (6) ijiem, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz sal-lum; u (**3**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza dik il-parti fejn ordnat li kopja tas-sentenza tigi komunikata lill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku [<u>**recte**</u>**:** Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta] u fejn ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma. U in vista ta' dak li jinghad fil-paragrafu 4 ta' din is-sentenza, tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih

[7] Ara, ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef*** App. Krim. 13 ta' Novembru, 1998.

komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur u Direttur Generali tal-Qorti.

Deputat Registratur